SANNAT

Minuti tas-sbatax il-laqgħa tas-seba' tal-leġislatura tal-Kunsill Lokali Sannat li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Erbgħa, 30 ta' Ġunju 2010 fis-7.20 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| Kunsilliera | |
| | Guda Taddeus Bajada |
| | Manuel Tabone |
| | Joseph Bajada |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

845 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru sittax li saret fis-27 ta' Ġunju 2010.

846 Kif bdiet l-laqgħa is-Segretarju ġideb l-attenzjoni tas-Sindku rigward il-PMP tiegħu għaliex ried ġustifikazzjoni tar-rating u l-kummenti li għamel jew fil-bidu tal-laqgħa jew iktar tard għaliex dan mhux aċċettabbli. Is-Sindku rrispondieh u qallu niddiskutuh iktar tard.

**Item 2. Mill-Minuti**

847 *(para. 784)* Is-Segretarju ċempel lill-perit Gordon Vella rigward l-istudju tal-irziezzet. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu azzjoni u mhux jitkellem mas-sidein tal-irziezzet. Il-perit Vella għandu jiġi kkuntatjat biex jiġi waqt il-laqgħa ħalli jitkellem mal-Kunsill.

848 *(para. 785)* Rigward l-interview, is-Sindku nforma lill-Kunsill li Joseph Cordina ma jistax joqgħod bħala chairman tal-bord tal-għażla. Hu ppropona lil Avukata Maltija, Marfele Camilleri bħala *chairperson*. Hawnhekk inġibdet l-attenzjoni li din avukat trid tiġi minn Malta kull darba u wieħed irid jara kemm ser titlob bħala ħlas. Is-Sindku għandu jitkellem magħha rigward dan u jinforma lill-Kunsilliera biex jibdew dawn l-interviews. Jekk possibbli dawn l-interviews isiru bejn is-6 u t-8 ta' Lulju 2010

849 *(para. 788)* Rigward il-kwotazzjoni 01/2010 għal *galvanized wrought iron fence* sar qbil li din tingħata lil Lawrence Farrugia bil-prezz ta' €1,791.50ċ, minkejja li dan kien irrifjuta li jagħmel ix-xogħol tal-kwotazzjoni 03/2010 għal *galvanized wrought iron stairs*. Dan għandu jingħata ġimgħa żmien biex jikkonferma.


Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

850 *(para.790)* Rigward ix-xogħol tal-kwotazzjoni 03/2010 għal *galvanized wrought iron stairs* li ġie rifjutat minn Lawrence Farrugia, ġie kkuntatjat ta' warajh, li hu John Cini bil-prezz ta' €3,499.92. Dan ġie kkuntatjat mis-Segretarju. Is-Sur John Cini qallu li lest li jaħdem ix-xogħol.

851 *(para. 806)* Rigward il-Korsijiet Lifelong Learning, intbagħtet xi korrispondenza rigward il-proċess. Kopja ta' din kienet intbagħtet lill-kunsilliera.

852 Il-Kawza ta' David Zammit et kontra l-Kunsill rigward l-art fejn qed jiġi propost li jsir il-belveder fi Triq Skerla ġiet defferita għal 20 ta' Ottubru 2010.

853 Is-Sindku saqsa lis-Segretarju fejn wasal fl-accounts. Is-Segretarju rrisponda li għandu sal-25 ta' Mejju 2010. Gibidlu l-attenzjoni li s-sena l-ġdida fuq is-sage infetħet fl-1 ta' Mejju 2010 wara li ġie l-awditur. Is-Segretarju qal li bħalma kien hemm bżonn ta' cultural leader hemm bżonn ta' accountant. Il-vot ta' accountant jaqa' taħt il-vot tal-amministrazzjoni.

854 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li rigward Memo 73 dwar Inizjattivi Premju Lokalitajiet Indaf saret talba għal €1,000.

855 *(para 807)* Dwar il-Bins on wheels ta' nhar ta' Ħadd ġie deċiż li jekk isiru ħafna abbużi dawn jitneħħew.

856 *(para. 812)* Rigward il-ftuh tal-uffiċċju nhar ta' Sibt id-Dpartiment għadu ma tax risposta sabiex temporanjament jitqabbad xi ħadd sa x'ħin tkun intgħażlet il-persuna bħala skrivan.

**Item 3 Korrispondenza**

857 Memo 86/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward nofs ta' nhari fis-Sajf. Is-Segretarju irrakomanda sabiex fis-sajf mis-16 ta' Ġunju sa 30 ta' Settembru x-xogħol fl-uffiċċju amministrattiv ikun bin-nofs ta' nhari għaliex ġa qed isir hekk. Il-Kunsill approva din ir-rakkomandazzjoni.

**Item 4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Ilmenti mir-residenti

858 Wasal ilment sabiex fi Triq Ta' Ċenċ jitwaħħal dustbin. Il-Kunsill qabel li dan jitwaħħal

859 Josephine Azzopardi ta' Triq it-Tin tablet sabiex titkompla l-bankina għaliex din qatt ma ġiet kompluta.

860 Margaret ta' Smula tablet sabiex issir bankina fi Triq il-Kbira tal-paving blocks.

EU Citizens funds

861 Is-Sindku qal li hemm applikazzjonijiet għal fondi tal-EU Citizenship Funds u dawn jagħalqu fl-aħħar ta' Settembru 2010. Dawn l-applikazzjonijiet huma rigward ġemellaġġi.


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

SANNAT

**Item 5. Preparazzjoni għall-Festa Santa Margerita**

862 Għal festa l-Kunsill għandu jagħmel l-infiorata f'nhar il-festa taħt iz-zuntier tal-knisja.

**Item 6. Materja oħra**

863 Joseph Bajada ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fi Triq Cortina niżel biċċa minn wiċċ it-triq u hemm bżonn tissewwa.

864 Rigward ix-xogħol tal-bini l-ġdid tal-Kunsill, is-Sindku ppropona li xi xogħol tal-uffiċċju tal-Kunsill il-ġdid jitkompla u jitħallas parti minnu issa u parti iktar 'il quddiem meta l-Kunsill ikollu l-flus. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li dan ma jistax isir. Il-perit għandu jerġa' jiġi mitlub biex ilesti l-istima tax-xogħol li sar fuq il-post.

865 Fil-playing field hemm xi siġar mejtin u hemm bżonn li jitneħħew.

866 Is-Sindku s-sosspenda l-laqgħa u qal li jrid imur. X'ħin is-Segretarju ġibidlu l-attenzjoni rigward il-PMP, irrispondieh li dak jidiskutuh bejniethom. Is-Segretarju ġibidlu l-attenzjoni li dan irid ikun id-Dipartiment, il-Gimħga, 2 ta' Lulju 2010. Is-Sindku ma rrispondihx u baqa' ħiereġ 'il barra.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għall-Erbgħa, 7 ta' Lulju 2010 fis-7.00 p.m.

Arthur Bajada — Segretarju Eżekuttiv

Philip Vella — Sindku